**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 7 ta` Frar 2019**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 16/2019 JZM fl-ismijiet :**

**Josef Aquilina, impjegat, iben il-mejjet Carmel Joseph Aquilina, mwieled San Giljan u residenti f`Santa Marija, Plot 5, Triq il-Bajjada, Marsa bil-karta tal-identita` numru 349979M**

***kontra***

**Heritage Malta**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrent ipprezenta rikors fid-9 ta` Jannar 2019 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab il-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("**il-Mandat**") kontra l-intimata.

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

Fid-9 ta` Jannar 2019, tat digriet fejn, wara li laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimata, b`ghaxart ijiem zmien biex twiegeb bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-seduta ta` nhar il-Hamis 24 ta` Jannar 2019 fl-10.00 a.m.

L-intimata kienet notifikata fid-9 ta` Jannar 2019.

Fl-14 ta` Jannar 2019, l-intimata pprezentat risposta fejn tat ir-ragunijiet taghha ghalfejn it-talba ghall-hrug tal-Mandat kellha tkun respinta.

Ir-rikors kien trattat fis-seduta tal-24 ta` Jannar 2019, u thalla ghal provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

## II. It-talba

Ir-rikorrent **talab** lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` l-Mandat kontra l-intimata sabiex din tinzamm :-

***milli tkompli bl-ghazla u/jew tfittxija ghal Principal Conservator Paintings, Polychrome Sculpture and Wood (Definite Contract of 3 years) skont l-internal memorandum … Dok A fi hdan Heritage Malta***

## III. Il-kwistjoni fil-qosor

B`effett minn Dicembru 2012, ir-rikorrent beda jahdem mal-intimata bhala *Wood Conservator.* Ighid ir-rikorrent li ghax huwa l-uniku haddiem tas-sengha ta` din ix-xorta certament fl-ambitu ta` Heritage Malta, inghata dmirijiet u jkollu jiehu decizjonijiet li jmorru

ben oltre n-natura tax-xoghol li ghalih kien impjegat, bil-konsegwenza li qieghed jaghti prestazzjonijiet ta` *Principal  Conservator (Wood).*

Anke jekk fl-istruttura tal-impiegi ta` Heritage Malta ma tezistix il-posizzjoni ta` *Principal Conservator (Wood),* ir-rikorrent jilmenta li qieghed igarrab diskriminazzjoni, li tissarraf f`telf finanzjarju, ghaliex qieghed jaghmel xoghol li tieghu mhuwiex jithallas, xoghol li min-natura tieghu f`oqsma ohra jsir minn persuni fi grad ta` *Principal* li jithallsu *allowances* u paga oghla milli ghandu hu.

Ighid illi talab lill-intimata biex tirrimedja ghas-sitwazzjoni li kien jinsab fiha u, ghaliex baqghet inadempjenti, ipprezenta kawza kontra taghha fit-Tribunal Industrijali fejn fis-sostanza talab : a)  dikjarazzjoni li qed igarrab diskriminazzjoni ; b)  ordni sabiex jinghata l-grad ta` *Principal Conservator (Wood)* ; c)  likwidazzjoni u hlas ta` kumpens.

Intant l-intimata nediet proceduri ghall-ghazla ta` persuni biex jimtlew numru ta` posizzjonijiet fosthom dik ta` *Principal Conservator Paintings, Polychrome Sculpture and Wood.* Ghalkemm ir-rikorrent applika ghal dak il-grad, skond hu, sabiex ma jippregudikax il-posizzjoni tieghu, jikkontendi li l-grad huwa wiesgha b`tali mod li tista` tinhatar bhala *Principal* persuna li, ghax ma tkunx intiza fil-kamp tal-konservazzjoni tal-injam, fejn ir-rikorrent jishaq li huwa l-uniku specjalizzat, jispicca jaghmel hu x-xoghol ta` *Principal,* fejn jidhol l-injam, bla ma jkun imhallas ta`*Principal.*

Ir-rikorrent jikkontendi li jekk il-hrug tal-Mandat ma jsehhx, huwa ser jispicca bla rimedju effettiv, anke jekk it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li kien hemm diskriminazzjoni kontra tieghu.

Min-naha taghha, l-intimata tikkontesta li r-rikorrent qieghed jaghmel xoghol ta` *Principal* li fost hwejjeg ohra jkollu responsabilitajiet ta` *management* u supervizjoni. Tghid illi ma harget l-ebda sejha ghal *Principal Conservator (Wood)* u fl-istrutturi taghha ma hemmx kariga ta` *Principal Conservator (Wood).* Jekk isir dak li qed jippretendi r-rikorrent fil-kuntest ta` Heritage Malta jkun ifisser illi r-rikorrent ikun l-uniku haddiem u *Principal* fl-istess hin ghaliex fil-qasam tal-konservazzjoni tal-injam huwa l-uniku mpjegat tal-intimata.

## IV. **<u>Dritt</u>**

Id-disposizzjoni li tirregola proceddiment tax-xorta tal-lum hija l-**<u>Art 873 tal-Kap 12</u>**. L-artikolu huwa kompost minn erba` subincizi.

Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-ewwel tnejn ghaliex fil-kuntest tas-subinciz tlieta (3) l-intimata ma tikkwalifikax bhala wahda mill-persuni hemm ndikati. Skont il-Kap 445 tal-Ligijiet ta` Malta, l-intimata, jew ahjar Patrimonju Malta, hija agenzija operattiva b`personalita` guridika distinta [ara l-Art 8(1) u (2)].

Is-subincizi (1) u (2) ighidu hekk :-

*(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Minn analizi ta` dawk iz-zewg disposizzjonijiet, jirrizulta li l-Qorti hija prekluza ("***<u>m`ghandhiex</u>***") milli tordna l-hrug tal-Mandat, <u>sakemm</u> ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent ;

ii) Illi jidher sal-livell ta` *prima facie* li r-rikorrent ghandu dawk il-jeddijiet ;

iii) Illi bil-fatt illi ma jkunx ordnat il-hrug tal-Mandat, il-pregudizzju li jgarrab ir-rikorrent ikun irrimedjabbli.

## V. **<u>Gurisprudenza</u>**

Il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal principji li hargu mill-gurisprudenza tal-qrati taghna dwar kif ghandhom jitqiesu r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat :-

**1)** Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **<u>Grech pro et noe vs Manfre`</u>** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

... *huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru "prima facie", ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Dan l-insenjament ghadu validu sal-lum.

**2)** L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi **<u>mhux</u>** alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti **<u>hija obbligata</u>** tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat.

**3)** Il-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja ("**<u>Xuereb noe vs Hili noe</u>**" : Qorti tal-Kummerc : 22 ta` Settembru 1994).

**4) Il-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li kienu stabbiliti mil-ligi stess zminijiet qosra li fihom it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat ghandha jew tintlaqa' jew tigi michuda. Dan huwa hekk ghaliex mhuwiex mistenni li jitressqu quddiem din il-Qorti fi procediment bhal dak tal-lum kwistjonijiet ta` mertu dwar il-jedd li jkunu jridu jigu ppruvati kif trid il-ligi u trattati quddiem dik il-qorti jew dak it-tribunal li jkollu kompetenza sabiex jiddeciedi kwistjonijiet dwar il-jedd. Ghalhekk il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta' l-Mandat ma jfissirx li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz mhuwiex ippruvat jew jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-**

**partijiet fil-mertu. Del resto hadd mill-partijiet ma jista' jew m'ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Il-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni.**

## VI. Konsiderazzjonijiet

**Wara li rat l-atti, u wara li semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri, din il-Qorti tghid illi t-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-Mandat tinkalja *in primis* mar-rekwizit tal-jedd *prima facie.***

Minn esami tad-disposizzjonijiet tal-Kap 445 tal-Ligijiet ta` Malta, jirrizulta li l-intimata ghandha setghat *ex lege* ta` kif tirregola l-ingagg ta` persuni li se jkollhom rabta ta` impieg maghha (ara Taqsima IV – Art 17 et seq).

Dment illi tosserva d-dettami tal-ligi, l-intimata hija libera fil-mod kif tiddetermina u tikkwalifika l-impieg tal-persuni.

Dan premess, jirrizulta li r-rikorrent huwa mpjegat mal-intimata bhala *Wood Conservator.* Inserta li huwa l-uniku mpjegat tal-intimata li huwa specjalizzat fil-konservazzjoni tal-injam.

Ir-rikorrent ighid illi qieghed jigi diskriminat abbazi tal-ilment illi qed jaghmel xoghol ta` *Principal* li bhala fatt imur ben oltre l-mansjonijiet tal-impieg tieghu u tal-paga li jithallas. L-intimata tikkontesta din il-pretensjoni bhala fatt. Sta ghat-Tribunal Industrijali li jiddeciedi fil-mertu hemmx diskriminazzjoni nkella le.

Ghall-fini tal-prodediment tal-lum, ir-rikorrent qed jitlob li jieqaf il-process tal-ghazla u/jew tfittxija tal-kariga ta` *Principal Conservator Paintings, Polychrome Sculpture and Wood.*

Qed jitlob hekk anke jekk huwa stess, ghar-ragunijiet tieghu, ikkonferma li applika ghal dik il-kariga.

Din il-Qorti tistqarr li din hija *a contradiction in terms* ghall-fini ta` procediment ta` din ix-xorta.

*Prima facie,* din il-Qorti ssibha difficli li tifhem ir-*raison d`etre* tat-talb *ut sic* li ghamel ir-rikorrent fil-procediment tal-lum meta r-rikorrent innifsu ppartecipa fil-gara tal-assenjazzjoni tal-hatra *Principal Conservator Paintings, Polychrome Sculpture and Wood.*

Ghall-finijiet u effetti tal-procediment tal-lum, din il-Qorti m`ghandha l-ebda jedd tindahal lill-intimata kif taghmel l-impiegi taghha.

Tirrimarka illi dan tal-lum mhuwiex kaz fejn kienet diga` tezisti l-kariga ta` *Principal Conservator (Wood)* u r-rikorrent, minkejja l-ispecjalizzazzjoni tieghu, kien skartat.

Dan tal-lum huwa kaz fejn ir-rikorrent, li rrizulta li huwa l-uniku fil-kategorija tieghu, qieghed jippretendi – tajjeb jew hazin – li l-intimata ghandha tkun kostretta tohloq kariga gdida u cioe` dik ta` *Principal Conservator (Wood)* sabiex takkomda x-xoghol kollu li jallega li qed jaghmel, kwistjoni din li *in funditus* trid tkun ippruvata, trattata u deciza fil-mertu taghha mit-Tribunal Industrijali.

**Ghax tirrizulta fil-fehma taghha karenza ta` jedd *prima facie* din il-Qorti tista` taghzel li tieqaf hawn.**

**Pero` mhux hekk sejra taghmel.**

**Sejra taghmel hekk ghaliex anke r-rekwiziti l-ohra ma jirrizultawx.**

Ma jirrizultax l-element tal-*htiega.*

Fil-provvediment taghha tat-18 ta` Dicembru 2009 fl-atti tar-rikors Nru 1935/09 fl-ismijiet **"<u>Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija</u>"** din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) ippronunzjat ruhha hekk –

*Tqis li l-htiega ghall-hrug ta' Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew il-hsara lamentat jista' jitnehha, mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat.*

(**<u>ara wkoll</u>** : il-provvediment ta` din il-Qorti **<u>PA/AM</u>** moghti fit-2 ta` Jannar 1993 fl-atti tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**<u>Borg Grech vs Gasan et noe</u>**")**.**

Fil-kaz tal-lum, l-element tal-*htiega* huwa nieqes ghaliex il-provvediment tal-lum bl-ebda mod ma jincidi fuq is-setghat u d-diskrezzjoni li ghandu t-Tribunal Industrijali fir-rigward tat-talbiet li ressaq quddiemu r-rikorrent.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali ta' provvediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tar-rikorrent huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli.

Dan premess, din il-Qorti tghid li lanqas ma jissussisti r-rekwizit tal-*pregudizzju rrimedjabbli.* Tghid hekk ghaliex anke jekk issir il-hatra ta` persuna li ma tkunx ir-rikorrent bhala *Principal Conservator Paintings, Polychrome Sculpture and Wood,* dment li l-ligi tkun tippermetti, it-Tribunal Industrijali m`ghandux ikollu xkiel sabiex jipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti f`dak il-procediment.

**<u>Accertata</u> l-karenza tar-rekwiziti kollha li trid il-ligi ghall-hrug tal-Mandat, it-talbiet tar-rikorrent qeghdin jigu respinti.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda :**

**Fl-ewwel lok, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tad-9 ta` Jannar 2019 safejn laqghet provizorjament it-talba tar-rikorrent.**

**Fit-tieni lok, qeghda tichad it-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-Mandat.**

**Spejjez ghar-rikorrent.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**